**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Preliminari Numru: 2389**

Kaz Nru.: 3252/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Basak Kristin Degirmenci I.D. 38019A

Vs

Jimmy Aquilina I.D. 344671M ezercenti l-kummerc bl-isem Jimmy's Patizzeria u b'digriet datat 2 ta' Frar, 2015, ghandha ssir korrezzjoni ta' l-isem Jimmy's Patizzeria ghal Jimmy's Pastizzeria

**Chairperson: Avv. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Illum it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015

**It-TRIBUNAL**

1. Quddiem it-TRIBUNAL Ms. Basak Kristin Degirmenci, cittadina tar-Repubblika tat-Turkija, residenti Malta issa ghal xi disa' snin, ressqet TALBA biex jigi dikjarat minnu hekk:-

   i) Jiddikjara illi t-terminazjoni tal-impieg taghha ma' l-intimat ma saritx minhabba *good and sufficient cause;*
   ii) Jillikwida kumpens u jordna illi l-Intimat ihallas tali kumpens lilha in vista tal-fatt illi t-terminazzjoni tal-impieg kienet wahda ngusta.
   iii) Tigi rrangata il-formula tal-ETC fis-sens illi r-raguni tigi mibdula ghal tkeccija ngusta.

2. Ir-Rikorrenti bdiet l-impieg taghha mal-Intimat fil-Jimmy's Pastizzeria f'St. Andrews mill-1 ta' Dicembru, 2006. Huma kienu f'relazzjoni sentimentali li spiccat meta qam argument bejniethom fi Frar, 2014. Fid-19 ta' Frar, 2014, waqfet tahdem hemmhekk u c-cirkostanzi ta' dan it-tmiem ta' mpieg huma oggett ta' kontestazzjoni u precizament ghalhekk li t-TRIBUNAL ghandu quddiemu dan il-kaz.

3. L-Intimat ressaq ir-RISPOSTA tieghu b'dikjarazzjoni ta' fatti u zied maghha, sussegwentement, Dikjarazzjoni tal-fatti ulterjuri.

4. Ir-Rikorrenti bidlet l-avukat qabel il-kaz beda jigi trattat fis-sens li dan sar qabel bdew jitressqu l-provi mir-Rikorrenti.

5. Fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2015, (it-tielet udjenza) gie, *inter alia,* verbalizzat hekk:-

*"Dr. Paul Gonzi ghar-rikorrenti jitlob lit-Tribunal jaghti permess sabiex ir-rikorrenti zzid talba ulterjuri ma' dak li diga hemm fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha u cjoe illi t-terminazzjoni mill-impieg taghha jikkonsisti wkoll f'att diskriminatorju ghal kontra taghha u ghaldaqstant titlob kumpens ghal dak id-diskriminazzjoni".*

*"Dr. Clint Tabone ghall-intimat qed jopponi ghal din it-talba stante li ma saritx mill-bidu u ghaldaqstant qed izomm il-pozizzjoni tieghu f'dan ir-rigward".*

6. Fis-Seduta li giet wara, ir-raba' wahda u precizament dik tas-16 ta' Marzu, 2015, wara li saru sottomissjonijiet miz-zewg nahat dwar il-punt gdid li tqajjem u cioe li r-Rikorrenti zzid li t-tmiem tal-impieg kien att ta' diskriminazzjoni u l-oppozizzjoni tal-Intimat li tithalla ssir din iz-zieda, it-TRIBUNAL iddecieda li ghandu jkun hemm decizjoni preliminari dwar dan il-punt.

7. Wara li qies kollox, wara li rrifletta sew fuq is-sottomissjonijiet incisivi taz-zewg difensuri u wara li qies id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Civili nru 41/2011/EG Glynis Valerie Pace vs British High Commission (Malta) tal-14 ta' Jannar, 2015, esibita bhala Dok PG mir-Rikorrenti in sostenn fit-talba taghha, it-TRIBUNAL jghaddi biex jasal ghall-konkluzzjoni tieghu kif gej.

8. It-TALBA tar-Rikorrenti fiha tliet punti li huma:-

   i) Tmiem ta' mpieg bla ma kien hemm raguni tajba u sufficjenti.
   ii) Talba biex allura jkun hemm kumpens monitarju lir-Rikorrenti u
   iii) Li l-formula tal-ETC tigi emendat billi jitnizzel li r-raguni ghat-tmiem tal-impieg kienet raguni ngusta.

   Ovvjament, din it-tielet talba hi marbuta intrinsikament ma' l-ewwel wahda.

9. Hawn it-TRIBUNAL iqis li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni ma hiex senz'altro barra mill-ambitu ta' tmiem ingust ta' mpieg. Din l-ispecifikazzjoni da parti tar-Rikorrenti maghmula fl-istadju li nghamlet ma tpoggi lill-Intimat f'ebda zvantagg. S'issa kull ma ghandu quddiemu t-TRIBUNAL huma allegazzjoni da parti tar-Rikorrenti u cahda assoluta da parti tal-Intimat. Ir-Rikorrent ghad trid tressaq il-provi in sostenn ta' dak li talbet minghand it-TRIBUNAL bil-fakulta' shiha lill-Intimat li jirribatti u li jressaq il-provi tieghu. Inkun ingust li meta ghadna bilkemm bdejna lir-Rikorrenti wiehed jghidilha: le,

issemmi ebda diskriminazzjoni minkejja dak kollu li tahseb int. Ir-Rikorrenti ghandha tithalla ggib kull prova skond il-ligi in sostenn tal-allegazzjoni ta' tmiem ingust ta' mpieg u bl-istess mod (xejn izjed u xejn inqas) tinghata kull fakulta lill-Intimat li jiddefendi ruhu u jressaq il-provi tieghu.

10. In definitiva t-TRIBUNAL jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-Intimat li r-Rikorrenti ma tithalliex tressaq provi dwar id-diskriminazzjoni minnha allegata.
11. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Is-suktar tas-smiegh tal-kawza jigifieri ghat-tressieq tal-provi tar-Rikorrenti jithalla ghas-seduta li jmiss.

(Iffirmat)
Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**